**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**28 ta' April 2024**

## Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Illum il-Ħadd 28 ta' April qegħdin infakkru jum il-parroċċa tagħna, f'għeluq it-336 sena mit-twaqqif tagħha. Xi jfisser dan għalina? Li konna minn tal-ewwel? Iva għaliex le, imma b'daqshekk, jien m'iniex kuntent.



Il-kelma parroċċa hi magħmula minn żewġ kelmiet πapa (qrib) u οικέω (dar) li jiffurmaw il-kelma παροικια (*paroikìa*), li tirreferi għal "min joqgħod qrib id-dar u ma jkunx minn tad-dar", jiġifieri l-barrani li joqgħod maċ-ċittadini tal-post. Skont il-Bibbja Abram kien "parroku" fl-Eġittu, mentri wlied Ġakobb kienu jiffurmaw "parroċċa" fl-Eġittu. Fi żmien Ġesù l-Lhud kienu konxji li huma jiffurmaw "parroċċa", jiġifieri komunità ta' barranin li jimxu flimkien, qalb il-pagani. San Pietru mbagħad lill-komunità tal-ewwel insara jiktbilhom: «Għeżież, intom m'intomx għajr pellegrini u barranin f'din id-dinja» (1Pt 2,11). Hekk uriehom li l-veru dar tagħhom hi dik tas-sema ma' Alla.

F'dan is-sens mela l-parroċċa (*paroikìa*) mhix komunità ta' nies li jgħixu qrib xi knisja minn tagħhom u lanqas tfisser xi biċċa territorju jew raħal. Imma l-parroċċa hi komunità ta' nies ta' fidi li jgħixu f'din id-dinja bħallikieku kienu barranin u li jimxu magħqudin flimkien bħal f'pellegrinaġġ lejn is-sema pajjiżhom, kif isejjaħlu San Pawl (Fil 3,20).

F'dan il-jum għażiż għalina, nitlob għalhekk lil Alla u lill-qaddisin patruni tagħna Pietru u Pawlu biex idawluna ħalli nibqgħu barranin għall-mod ta' kif is-soltu timxi d-dinja ta' madwarna u ningħaqdu iktar flimkien ħalli naslu ma' xulxin għand Alla u nsibu postna miegħu ġewwa daru għax aħna lkoll maħbubin uliedu.

## AVVIŻI:

**FIL-QUDDIESA TAT-8.30AM** ser inroddu ħajr lil Alla ta' dawn is-snin kollha li żammna magħquda bħala komunità ta' fidi, filwaqt li nitolbuh iħarisna u jbiegħed lilna u lil uliedna minn kull sentiment ta' firda u mibegħda bejnietna.

**FIL-QUDDIESA TAL-9.45AM** sejrin nilqgħu lit-tim tal-futbol tar-raħal tagħna Nadur Youngsters biex nifirħu magħhom u nirringrazzjaw lil Alla li tahom il-grazzja li jgawdu mir-rebħa tal-Kampjonat. Nemmen li f'kull ċirkostanza għandna nduru lejn Alla u nħalluh idawwalna bl-għerf tiegħu ħalli kulma ngħaddu minnu, kull suċċess u kull falliment fl-istorja ta' ħajjitna, inħarsu lejh skont kif iħares lejh hu, jiġifieri bi mħabba. U b'dan il-mod, bl-imħabba, kollox iservina biex ninbnew flimkien aktar f'saħħitna.

**IL-LAQGĦA TA' TALB TA' PATRI PIJU:** it-Tnejn 29 t'April fil-kappella tas-Sorijiet. Tibda fil-5:00pm bl-Adorazzjoni u r-Rużarju u wara jkun hemm Quddiesa. Isir talb għall-morda u l-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna kif ukoll għall-paċi fid-dinja kollha. Kulħadd mistieden.

**RUŻARJU FIL-PUBBLIKU:** se jsir nhar ta' Erbgħa tul Mejju. Nibdew fl-1 tax-xahar fi Ġnien il-Kunsill, fil-5:30pm. Huma ħafna l-intenzjonijiet aħna u nitolbu lill-Madonna. Ħa nibdew għall-paċi fid-dinja, anki b'talba tal-Papa Franġisku. Tul Mejju wkoll ikun hemm ir-Rużarju qabel l-aħħar quddiesa fil-knisja.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju fil-5:00pm.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 3 ta' Mejju, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Nistiednu lil kulħadd biex niltaqgħu ma' Ġesù u nitolbuh iħenn għad-dinja kollha.

**IL-PATRIJIET FRANĠISKANI MINURI** f'isem il-Kustodja tal-Art Imqaddsa jirringrazzjaw minn qalbhom lilna lkoll tal-ġenerożità kbira tagħna nhar il-Ħadd li għadda. Il-ġabra li saret fil-Knisja Parrokkjali, fil-kappella tal-Qalb ta' Ġesù, fil-kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta, u fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani, laħqet is-somma ta' €3,033.57.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am